# Katina Karmelitana

**Nru. 12** **Terzjarji Karmelitani Żurrieq** **Sett.-Diċembru 2010**


## "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej"

Kemm il-darba tennejna dan il-kliem fiċ-ċelebrazzjonijiet li kellna ad unur il-Madonna Reġina u Sultana tal-Karmelu. Mhux biss, saħansitra iċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Għid ta' l-Assunta iduru madwar dan il-kantiku ta' Marija, Il-Magnificat.



Marija marret tinseġ dan il-kliem sabiħ dwar il-Ħallieq mhux waqt xi festa, iżda waqt li kienet għadha kif temmet vjaġġ twil u iebes biex waslet għand Eliżabetta biex toffri is-servizz tagħha għax il-qariba tagħha kienet fil-bżonn. Kienet ferħana li l-Mulej taha l-opportunita li tkun utli għall-ħaddieħor minbarra l-missjoni kbira u mistika tagħha.

Jien bħala Terzjarja Karmelitana inħares lejn il-Madonna minn dan l-aspett. Ix-xena ta' Marija itterraq biex taqdi taffaxxinani, meta tqis kemm kienet triq iebsa, twila u mimlija periklu. Kristu ukoll ġie fid-dinja biex jaqdi l-Missjoni ta' Missieru għas-salvazzjoni tagħna.

***"Jien ġejt biex naqdi u mhux biex inkun moqdi."***





Ejjew mela nimxu fuq l-eżempju ta' Marija u ngħannu innu ta' ferħ u tifħir lil Alla meta Dan jitlob minna l-ġid għal ħaddieħor. Ejjew ngħidulu grazzi meta tiġi l-okkażjoni biex inservi għax b'hekk inkunu qed inwittu t-triq twila u iebsa li twassalna fejn tixtieq teħodna Ommna Marija - ħdejn binha Ġesu`.

Mulej għallimni nagħraf dak li trid minni.

**Ċettina Żahra**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Wara l-festa kbira u sabiħa li għadna kif iċċelebrajna għad unur il-Madonna tal-Karmnu, nixtieq nirringrazzjakom talli attendejtu bi ħġarkom għall-funzjonijiet liturġiċi matul il-ġimgħa tal-festa.

Bħala membri li nagħmlu parti mill-familja Karmelitana l-impenn tagħna mhux ta' matul il-festa biss iżda matul is-sena kollha. Għalhekk aħna fid-dmir li nieħdu sehem fl-attivitajiet kollha speċjalment il-laqgħat ta' kull xahar u l-eżerċizzi spiritwali. Nitolbu lill-Madonna tħarisna u tieħu ħsiebna.

**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Settembru – Diċembru

### Laqgħat Marjani

**L-Erbgħa 6 t' Ottubru 2010**
**L-Erbgħa 3 ta' Novembru 2010**
**L-Erbgħa 1 ta' Diċembru 2010**

Il-laqgħat jibdew fil-5pm bir-reċita tar-rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa bil-konferenza minn Fr. Hermann Duncan O.Carm.

Ser ikun hemm għall-bejgħ ir-ritratti tal-Vestizzjoni u l-Professjoni għall-prezz ta' €1 kull ritratt.

### Festa tal-Madonna ta' Fatima f'Santa Venera

It-Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu huma mistiedna biex nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Santa Venera **nhar il-Ħadd 17 t'Ottubru 2010**. Il-private titlaq minn ħdejn il-venda fl-4:30pm.

### Kungress Nazzjonali tat-Terzjarji

Il-Kungress Nazzjonali ser isir **nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 2010** fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura. Ikun hemm il-Quddiesa.

### Eżerċizzi Spiritwali

**Data: 9, 10 u 11 ta' Novembru 2010**
**Ħin: 5pm**
**Post: Ċentru Pastorali**

Kelliem : P. Ivan Scicluna O.Carm.

Il-Ħamis 11 ta' Novembru issir il-Quddiesa



Terzjarji Karmelitani Żurrieq

## Talba Missjunarja

**Taħt il-Ħarsien Tiegħek**
**O Sinjura Omm Tiegħi,**
jiena noffrilek lili nnifsi
Kollni kemm jien.

Intik għajnejja, widnejja,
fommi, qalbi, ruħi
u kollni kemm jien.

U la darba jiena tiegħek,
O Omm Ħanina,
Ħarisni u ndukrani
bħala ħaġa kollha tiegħek.

